*Din is-sena hi l-150 anniversarju taż-żewġ pitturi laterali li hemm fil-kor tal-Knisja Parrokkjali San Ġorġ Martri. Tagħrif dwarhom diġa ngħata fil-ħarġa ta' Bejnietna, Għadd 46, tas-sena1989. Għaldaqstant, issa hu xieraq li jingħata tagħrif dwar min pittirhom, Pietro Paolo Caruana mgħejjun minn ibnu Raffaele.*

# PIETRO PAOLO CARUANA (1793 - 1852)

Il-magħruf pittur Taljan Tommaso Minardi (1787 - 1871) qatt ma żar Malta iżda, madankollu, kellu influwenza kbira fuq l-iżvilupp tal-pittura f'Malta tas-seklu dsatax għax kważi l-artisti kollha li marru jistudjaw l-arti Ruma x'aktarx kellhom kuntatti mill-qrib miegħu. Forsi l-aktar pittur importanti fosthom kien Pietro Paolo Caruana li mhux talli kien wieħed mill-aktar pitturi kompetenti ta' żmienu f'pajjiżna, iżda kien ukoll l-ewwel Malti li pproduċa litografiji f'pajjiżu stess.

## • ĦAJTU •

Caruana twieled il-belt Valletta fl-4 ta' Jannar 1793, iben Maria Teresa Marchett u Giuseppe Caruana, u tgħammed fil-parroċċa Dumnikana tal-Portu Salvu fil-Belt stess fejn ingħata l-ismijiet *Joseph, Joannes, Petrus, Paulus, Vincentius, Antonius.* Iżda f'ħajtu baqa' dejjem magħruf bit-tielet u r-raba' ismijiet, ħaġa pjuttost komuni f'dawk iż-żmenijiet. Xejn mhu magħruf dwar tfulitu iżda fl-1813, meta faqqgħet dik il-pesta li tant laqtet lil Ħal Qormi, beda jaħdem ta' skrivan u din hi ndikazzjoni li kellu edukazzjoni tajba. Jista' jkun li kienu l-artisti Michele Busuttil u Giorgio Pullicino li daħħluh fix-xena artistika.

Sitt snin wara, fl-1819, Caruana mar jistudja l-arti f'Ruma permezz ta' borża ta' studju governattiva u, hawnhekk, fl-*Accademia di San Luca*, sar ħabib kbir ta' Tommaso Minardi li saħansitra qagħad parrinu fil-magħmudija ta' ibnu Raffaele, li twieled Ruma fl-1820. Minardi kien ispiratur tal-Puristi, moviment artistiku li ried ritorn lejn l-arti rinaxximentali bikrija u għalhekk kien jieħu bħala mudelli lil Perugino u Raffaello, it-tnejn meqjusin bħala perfetti. L-influwenza ta' Minardi fuq Caruana tinħass l-aktar fil-pitturi għat-titulari ta' l-artali u pittura reliġjuża oħra li Pietro Paolo wettaq wara li ġie lura Malta fl-1827.

Caruana kien miżżewweġ darbtejn. Mill-ewwel żwieġ tiegħu lil Ursula d'Andre, li mietet fl-1830, kellu erbat itfal - Raffaele, Anna Maria, Salvatore u Emmanuele. Fl-1832 reġa' żżewweġ, din id-darba lil Maria Madiona u kellu seba' wlied oħrajn - Rosa, Francesco Saverio, Giuseppe, Gaetano, Alfonso, Giorgina u Eleonora - li tnejn minnhom mietu żgħar ħafna. Ibnu l-kbir, Raffaele, 'il quddiem kien pittur ukoll.

Għall-ewwel, Caruana kien joqgħod il-Furjana iżda mbagħad mar il-Belt fejn għex fit-toroq Britannia (illum Triq Melita), Sant' Ursla u Tramuntana fejn miet malajr nhar it-23 t'April 1852 fl-għomor ta' 59 sena u ndifen fil-Knisja Parrokkjali tad-Dumnikani fil-Belt. Fl-1831, Caruana sar il-Professur fl-iskola ta' l-Arti u, fl-1836, sħabu l-artisti ta' *Il Corpo delle Belle Arti del Disegno* għażluh bħala r-rappreżentant tagħhom fl-okkażjoni tal-miġja tal-Kummissjoni Rjali ta' Inkjesta li ġiet Malta dik is-sena. Din l-għażla turi li kien maħbub u stmat minn sħabu fil-mestier.

Jidher li Caruana kien jipproduċi ħafna pitturi u xogħol grafiku għat-"turisti" ta' żmienu u kien imfittex ħafna għall-pitturi kommemorattivi. Diversi vjaġġaturi barranin ikkumentaw favorevolment dwar xogħlijietu li kien hemm domanda kostanti għalihom.

## • PITTUR EWLIENI •

Qabel mar Ruma fl-1819, Caruana kien kummissjonat mill-Gvernatur Maitland biex ipitter żewġ kwadri għas-sala l-ġdida ta' San Mikiel u San Ġorġ fil-Palazz tal-Belt li juru t-trijonf ta' dawn iż-żewġ qaddisin fuq ix-xitan u d-dragun rispettivament. Caruana pittirhom meta kien Ruma u mbagħad bagħathom Malta. Għalkemm mhumiex oriġinali fil-ħsieb iżda biss kopji, intlaqgħu tajjeb ħafna f'pajjiżna u stabbilew lil Caruana bħala l-pittur ewlieni lokali.

Miet Maitland fl-1824 u waslet kummissjoni oħra mingħand is-suċċessur tiegħu, il-Markiż ta' Hastings, li ordna kopja tal-pittura tar-Re Ġorġ IV ta' l-Ingilterra li kienet il-Vatikan, xogħol ta' Thomas Lawrence. Intbagħtet Malta fl-1824 stess iżda xogħol ieħor tal-1826, *It-Turmenti ta' Turnus*, li llum qiegħed fil-Kastell Verdala tal-Buskett, jixhed ħafna aktar il-progress artistiku ta' Caruana li issa beda juri sinjali neo-klassiċi fil-pitturi tiegħu.

Forsi wieħed mill-aktar xogħlijiet magħrufin ta' Pietro Paolo Caruana hu *Il-Pesta tal-1813*, illum fil-Mużew ta' l-Arti, l-Belt. Din il-pittura tinkludi fiha ħafna xeni li kienu normalment iseħħu meta tfiġġ il-pesta: suldati rekbin iż-żwiemel jinfurzaw il-kwarantina; il-mejtin jittieħdu għad-dfin; saċerdot iqarben b'magħrfa bil-manku twil biex ibiegħed il-possibiltà ta' nfezzjoni; u l-miżerja u d-dwejjaq tal-morda. Caruana għaqqad dawn il-fatturi kollha flimkien f'xogħol li hu x'aktarx ta' ispirazzjoni romantika. Forsi lilna l-Qormin dan il-kwadru jolqotna aktar meta niftakru li kienu mietu 'l fuq minn 700 qormi fl-imxija tal-1813.

## • XOGĦOL RELIĠJUŻ •

Ftit wara li ġie lura minn Ruma, Caruana esebixxa pittura tal-Knisja ta' San Pawl tal-Belt li saret għal knisja fi Tripli. Dax-xogħol intgħoġob ħafna u l-iskular Dun Ġużepp Zammit (magħruf bħala *Brighella*) saħansitra kiteb poeżija li fiha faħħar it-talent artistiku ta' Pietro Paolo.

Iżda l-kapolavur ta' Caruana, fil-qasam tal-pittura reliġjuża, hu l-kwadru taż-*Żjara ta' Marija lil Elizabetta*, fil-Knisja Parrokkjali tad-Dumnikani tal-Belt, fejn l-awtur wera kemm tassew kien jafha l-arti rinaxximentali. Min-naħa l-oħra, l-



SAN ĠORĠ FIT-TEMPJU TA' APOLLO (RITRATT: FRENDO PHOTOGRAPHICS)

aktar pittura magħrufa tiegħu hi t-titular kbir tal-*Kunċizzjoni*, fil-Knisja Kolleġġjata Parrokkjali ta' Bormla, li kienet kummissjonata minn Monsinjur Ludovik Mifsud Tommasi (li inċidentalment kiteb il-Kurunella ta' San Ġorġ) fl-1828 iżda li tqiegħdet f'postha fl-1850. Iżda għalkemm il-figura tal-Madonna tiġġenera l-ħlewwa u d-devozjoni, l-pittura hi anqas sodisfaċenti, mil-lat artistiku, mill-kwadru taż-*Żjara*.

**F'Ħal Qormi hawn żewġ pitturi sinifikanti ħafna ta' Caruana: iż-żewġ kwadri laterali kbar fil-kor tal-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ li saru fl-1843 u jillustraw żewġ episodji mill-ħajja tal-qaddis titulari.** Mil-lat artistiku, l-aktar wieħed importanti hu *San Ġorġ fit-Tempju ta' Apollo* li għandu komposizzjoni kontrollata metikolożament ibbażata fuq in-nofs ċirku bl-arkitettura klassika tat-tempju bħala sfond. Caruana reġa uża l-istess komposizzjoni għal *San Ġorġ quddiem Dijoklezjanu* li hu anqas sodisfaċenti għalkemm hu metikoluż fid-dettalji li fih. Iż-żewġ xogħlijiet juru kemm Pietro Paolo kien familjari max-xogħlijiet Neo-Klassiċi Franċiżi.



SAN ĠORĠ QUDDIEM DIJOKLEZJANU (RITRATT: FRENDO PHOTOGRAPHICS)

## • LITOGRAFIJA •

Pietro Paolo Caruana kien l-ewwel Malti li kellu makkinarju għall-istampar litografiku u kien ukoll l-ewwel artist lokali li stampa litografiji f'Malta. Dan seħħ madwar 20 sena biss wara li l-proċess beda jsir Ruma.

Dawn l-ewwel litografiji pproduċihom x'aktarx fl-1826 u jikkonsistu f'album ta' għaxar suġġetti bit-titlu *Costumi Maltesi*: bejjiegħ ta' affarijiet femminili; bejjiegħ ta' l-ilma; trasport bil-ħmar; bejjiegħ tal-ħut; bejjiegħa tal-frott; negozjant tad-drappijiet fix-xatt; bejjiegħa tal-ħalib; bejjiegħ ta' xogħol tal-qasab; bejjiegħ fit-triq; mużiċisti kampanjoli. Fuq il-kopertina hemm l-istudju ta' Caruana u l-familja tiegħu fl-1828, jiġifieri l-ewwel mara tiegħu u t-tliet uliedhom.

Dawn l-ewwel litografiji kienu x'aktarx primittivi għalkemm sodisfaċenti fil-kumpless. Iżda sar miljorament fil-futur kif jidher minn litografija tal-1831 li turi lill-Isqof Franġisku Saverju Caruana li kien ukoll wieħed mill-ammiraturi ta' Caruana. Iżda li rridu nemfasizzaw hu li Pietro Paolo Caruana, minbarra li kien pittur kompetenti u mfittex, kien ukoll dik il-persuna li daħħlet f'pajjiżna l-proċess tal-litografija.

# RAFFAELE CARUANA (1820 - 1886)

Bħalma diġà għidna, Raffaele Caruana kien twieled Ruma fl-1820 meta missieru, Pietro Paolo, kien f'din il-belt fuq borża ta' studju. Raffaele ma kellux it-talent ta' missieru u hu meqjus bħala pittur medjokri minkejja li hu wkoll tħarreġ taħt Tommaso Minardi li kien parrinuh tal-magħmudija. Għall-bidu tal-karriera tiegħu, Raffaele kien ingħata diversi kummisjonijiet iżda dan x'aktarx seħħ minħabba l-prestiġju kbir li kien igawdi missieru.

Forsi l-aħjar xogħol tiegħu hu *L-Adorazzjoni tal-Maġi* fil-Knisja tad-Dumnikani tal-Belt għalkemm dan ix-xogħol hu meqjus bħala nieqes mill-immaġinazzjoni u x'aktarx riġidu. Min-naħa l-oħra, jidher li kien ħafna aħjar bħala ritrattista bħalma tixhed il-pittura ta' *Salvatore Borg* li hemm fil-Mużew ta' l-Arti fil-Belt fejn tinħass il-personalità tas-suġġett. Fil-fatt, Raffaele ma baqax ipitter biex jaqla' x'jiekol u daħal mad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi fejn ħadem bħala *draughtsman*.

F'Ħal Qormi jidher li għen lil missieru biex pitter wieħed miż-żewġ kwadri kbar laterali tal-kor, eżattament dak ta' *San Ġorġ quddiem Dijoklezjanu*. Xhieda ta' dan huma l-firem ta' Raffaele u missieru, flimkien mal-kelma 'Malta' u s-sena 1843, fuq parċmina. miżmuma minn figura fuq in-naħa tal-lemin.

## ~ BIBLJOGRAFIJA ~


V. Bonello, *La Madonna Nell'Arte*, Malta 1949.

M. Buhagiar, *The Iconography of the Maltese Islands 1400~1900 ~ Painting*, Malta 1987.

"Xogħlijiet ta' Arti w Artiġjanat fil-Knisja ta' San Ġorġ", *Il-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ Ħal Qormi - Erba' Sekli ta' Storja, editur J.F.* Grima, Malta,1984.

N. De Piro, *The International Dictionary of Artists who painted Malta*, Malta 1988.

A. Espinosa Rodriguez, "The Madonna in Maltese Art of the Nineteenth Century", *Marian Art During the 17th and 18th Centuries*, editor M. Buhagiar, Malta 1983.

"The Provenance of the Paintings on Permanent Display at the National Museum of Fine Arts", *Proceedings of History Week 1983*, editor M. Buhagiar, Malta 1984.

*Paintings at the Malta National Museum of Fine Arts*, Malta 1990.

A. Ganado, "Pietro Paolo Caruana: The First Lithographs Produced in Malta", *Proceedings of History Week 1981*, editor M. Buhagiar, Malta 1982.


**JOSEPH F. GRIMA**